# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 375

It-Tnejn 5 t'Awwissu 2019

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ħadd ma kien assenti.

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

375.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

375.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 374.

375.2.1 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li fil-minuti kien hemm nieqes mis-sezzjoni 374.11, applikazzjoni PA/04468/19 (to install PV panels over approved greenhouses) li dwarha l-Kunsill Lokali kien qabel li jitlob parir tal-perit biex jekk hija applikazzjoni għal solar farm fiż-żona rurali, issir sottomissjoni bbażata fuq il-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali għal Solar Farms barra miż-żona tal-iżvilupp. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jiġi kkuntatjat il-perit u jekk jirriżulta hekk issir is-sottomissjoni.

Is-Sindku propona li jiġu approvati l-Minuti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Minuti ġew approvati unanimament.

375.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

375.3.1 374.8 Rigward ix-xogħlijiet f'Għar Lapsi, is-Sindku qal li wara diversi spezzjonijiet flimkien mal-Perit tal-Kunsill, kemm ix-xogħol fil-Park u anka ix-xogħlijiet fil-lattrina mexjin sew. Issa jonqos isir pressure testing fil-lattrina tal-fittings li twaħħlu mill-Kuntrattur LBV. Sadanittant, saret laqgħa bil-preżenza tal-Avukat tal-Kunsill mal-Kuntrattur LBV Ltd. u l-avukat tiegħu. Il-Kunsill għandu jħejji rendikont tal-ispejjeż kollha oriġinati minn nuqqas tal-Kuntrattur, u jitnaqqsu mill-ammont ċertifikat mill-perit tal-Kunsill ta' xogħol imwettaq. B'hekk jiġi stabbilit bilanċ, wara li jiġu stabbiliti l-penali li qed jiġu diskussi bejn l-avukati.

375.3.2 374.10 Is-Sindku qal li kienet intbagħtet l-ittra lill-Ministru kif deċiż fil-Minuti preċedenti. Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit talbet li jkollha kopja tal-ittra u staqsiet jekk kienx hemm xi risposta. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku qal ukoll li jidher li r-residenti kienu qed jikkoperaw ħafna u jidher li essaġġ ma jinħassx li n-nuqqas ta' ġbir ta' skart il-Ħdud ħoloq problemi.

375.3.3 374.11.1 Is-Sindku preżenta n-noti tal-perit fuq l-applikazzjoni PA/02911/16 – Żvilupp Lapsi View Bar & Restaurant f'Għar Lapsi. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li n-noti ma jikkostitwux sottomissjoni dettaljata u professjonali li tista' tintbgħat lill-Awtorità tal-Ippjannar. Il-Kunsillier Julian Borg qabel li hemm bżonn noti aktar dettaljati u tekniċi mill-perit biex issir sottomissjoni. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-Kunsill kien qabel li għandha ssir sottomissjoni sa ġimgħa wara l-laqgħa preċedenti. Hija nnotat li ma saritx s-sottomissjoni fil-ħin, u lanqas tfasslet jew ġew indikati b'mod ċar xi oġġezzjonijiet li jista'jkollu l-Kunsill. Hi sostniet li l-Kunsill Lokali m'għandux jieħu daqshekk żmien biex ifassal sottomissjoni meta jaf li d-deadline għall-oġġezzjonijiet kien diġa' għadda. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx in prinċipju li ssir oġġezzjoni għall-proġett anzi jemmen li l-binja għandha titwaqqa' u terġa tinbena għaliex estetikament qed tkerraħ il-post. Iżda sostna li l-encroachment area fuq art pubblika hija aspett li l-Kunsill għandu jara f'aktar dettal.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-Kunsill Lokali għandu jkollu parir dettaljat mill-perit li minnu tiġi stabbilita' pożizzjoni ċara tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill mbgħad għandu obbligu li joġġezzjona għal partijiet tal-proġett jekk dawn ikunu ta' detriment għall-ambjent u aspetti oħra taż-żona ta'Għar Lapsi. Dan ma jfissirx li joġġezzjona għall-proġett kollu imma lanqas li joqgħod lura milli jieħu pożizzjoni jekk xi aspetti ta' proġett ma jkunux jixirqu jew ta' benefiċċju għaż-żona in kwistjoni. Hi qalet li s-sottomissjoni tista' tinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet għal titjieb tal-proġett kif propost u dejjem b'ħarsien u rispett lejn ż-żona u ambjent ta' Għar Lapsi. Il-Kunsill qabel li l-perit jintalab ifassal sottomissjoni aktar dettaljata u teknika. Il-Kunsillier Julian Borg qal li għalkemm jaqbel mas-Sindku li hemm bżonn bidla fl-estetika tal-post, l-applikazzjoni tinkludi estensjoni tal-area, żieda fl-użi minn dak preżenti, jiġi affetwat it-traffiku u l-light and sound pollution fost affarijiet oħra. Huwa fakkar li din l-area tagħmel parti minn sit tan-Natura 2000. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit u Julian Borg talbu li din għandha ssir bla aktar dewmien u tiġi ċċirkolata lill-kunsilliera għar-reazzjoni tagħhom minħabba l-limitazzjoni taż-żmien.

375.3.4 374.15.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-barriers kienu tpoġġew. Huwa qal li qed jagħmel pressjoni ma' Infrastructure Malta biex ix-xogħol ta' twessiegħ tal-istess triq isir kemm jista jkun malajr.

375.3.5 374.11.12 PC004/19 – Is-Sindku qal li oġġezzjoni tal-Kunsill għad-deċiżjoni tkun tfisser li l-Kunsill qed jitlob biex il-binja ta' terzi titwaqqa'. Ir-rapport tas-sottomisjoni għall-appell jindika n-nuqqas ta' valur tal-binja, tant hu hekk li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali ma oġġezzjonatx li t-triq titwessa. Ir-rapport imħejji mill-avukat jgħid li bit-twessieħ ta' din it-triq, il-flow tat-traffiku mill-qalba tar-raħal ikun jista jimxi aħjar minħabba d-djuq tat-triq kif qegħda preżentement.

## 375.4 Preżentazzjoni tal-Membri tal-Kumitati mill-Kunsilliera

Is-Sindku talab lill-Kunsilliera jressqu l-ismijiet tal-membri tal-Kumitati. Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Adrian Farrugia, Francine Farrugia u Dominic Grech qalu li avviċinaw xi persuni pero għadhom qed jistennew il-konferma mingħandhom. Il-Kunsillier Julian Borg qal li flimkien mas-Sindku qed ifasslu Kumitat magħmul minn esperti fuq l-immaniġjar tat-traffiku u ma jeskludix li jiġu kkuntattjati nies differenti skond il-materja li tkun qed tiġi diskussa. Għalhekk is-Sindku propona li l-preżentazzjoni ssir fis-Seduta li jmiss.

## 375.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku propona li l-Kunsill jaħtar lil impjegata Maria Muscat Deputat Segretarju Eżekuttiv, skond l-Att Dwar Gvern Lokali (Kap 363). Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit issekondat. Il-Kunsill unanimament qabel.

## 375.6 Vacancy Clerk Scale 13 – Approvazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Bord

Is-Sindku qara r-rapport u ressaq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord li jingaġġa lil Martina Galea bħala Uffiċċjal Eżekuttiv fi Skala 13.

## 375.7 Ċirk AKL2019/071 – Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA

Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ġie allokat is-somma ta' €15,029.14 bħala

fondi għal inizjattivi kulturali u soċjali. Dawn il-fondi huma iffinanzjati mil-LESA.

375.8 **Skema – Żvilupp ta' Libreriji Lokali f'Ċentru tal-Komunita'**

Is-Sindku informa lill-Kunsill bl-iskema finanzjarja SPI/SCI/10/2019. L-iskema tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta' €3000 (VAT inkluż). Il-Viċi Sindku qalet li l-kriterji għal din l-iskema huma attivitjiet b'involviment, inklużjoni, għarfien, kultura, tradizzjoni u artiġġjanat. Peress li l-binja tal-librerija lokali ma tippermettix li jsiru attivitajiet fiha, hija qed tiproponi li l-attivitajiet isiru fiċ-Ċentru Ċiviku li bħala binja huwa aċċessibbli għal kulħadd. Il-Viċi Sindku proponiet li l-Kunsill japplika għal projector u motorised screen, kif ukoll numru ta' VCRs biex isiru attivitajiet li jilħqu l-kriterji kollha stabbiliti. Il-Kunsill unanimament qabel, u alloka s-somma massima ta' €529 għal din l-inizjattiva.

375.9 **Agreement – Active Ageing Centre**

Is-Sindku preżenta ftehim mad-Dipartiment tal-Anzjani rigward attivitajiet tal-Active Ageing, għal żieda ta' ġurnata oħra fil-ġimgħa, maħsuba nhar ta' Tnejn. Huwa qal li għad fadal xi kjarifiki fuq dan il-ftehim u għalhekk għaddej b'diskussjonijiet mal-uffiċjali mid-Dipartiment. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li fil-leġislatura preċedenti kienu saru laqgħat mas-Segretarju Parlamentari u mad-Dipartiment tal-Anzjani li matulhom kien isemma li d-Dipartiment iħallas it-trasport tal-anzjani għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Il-ftehim mibgħut mid-Dipartiment imbgħad ma kienx jistipula dan u għalhekk ma kienx ġie ffirmat. Hi proponiet li għandhom jerġgħu isiru laqgħat u l-Kunsill jerġa jagħmel t-talba biex id-Dipartiment jiffinanzja it-trasport. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tiġi organizzata laqgħa mas-Segretarju Parlamentari u d-Dipartiment tal-Anzjani.

375.10 **Bring-In-site/s fil-Lokalita' – rilokazzjoni**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-kuntrattur kien neħħa l-bring in sites minn Triq Salvu Borg Olivier minħabba abbuż regolari ta' skart llegali. Hu nforma wkoll li l-kuntrattur kien talab li dawn jiġu rilokati ġo żona aktar viċin ir-residenzi. Hu qal li, flimkien mal-Kunsillier Adrian farrugia, inkarigat mit-tindif, kien għamel eżerċizzju biex dawn jiġu rilokati f'post alternattiv iżda rriżulta li Triq Salvu Borg Olivier hija l-aħjar post fejn dawn jitpoġġew biex jinħoloq l-inqas inkonvenjent possibbli lir-residenti. Hu ssuġerixxa li l-bring in sites jersqu aktar viċin r-residenzi, għalkemm xorta ma jkunux eżatt ħdejhom, biex jinstab kompromess bejn t-talba tal-kuntrattur u l-fatt li r-residenti ma jilqgħux tajjeb bring in sites viċin d-djar tagħhom.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li ma taqbilx ma' dan is-suġġeriment għax il-Kunsill Lokali għandu l-ewwel u qabel kollox jara l-interessi tar-residenti, waqt li jaċċerta li l-kuntrattur jiprovdi s-servizz meħtieġ lill-Kunsill. Hi qalet li dan ma kienx każ uniku li l-Kuntrattur ineħħi l-bins minn dik iż-żona. Il-Kunsillier Psaila Zammit qalet li l-Kunsill għandu jinsisti, bħall-Kunsill preċedenti, li l-bins jerġgħu jitpoġġew fejn kienu. F'każ li l-bins ikollhom jiċċaqalqu għal post alternattiv, għandha ssir laqgħa ta' konsulenza mar-residenti tal-inħawi. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir laqgħa mal-Kuntrattur u li l-bins jergħu jitpoġġew fejn kienu, waqt li ssir iktar superviżjoni mic-CCTV's eżistenti u infurzar għal min jinqabad jabbuża.

375.11 **Traffic Management fi Triq it-Tabib Nikola Zammit**

Is-Sindku qal li wieħed mill-issues l-iktar jaħarqu lokalment bħalissa hija l-kwisjoni tat-traffiku fi Triq it-Tabib Nikola Zammit, u mhux biss fi żmien l-iskola, iżda kuljum. Huwa qal li bil-problema kbira ta' nuqqas ta' parkeġġ, qed ikun hemm vetturi fuq iż-żewġ naħat tat-triq, b'dan jikkawża traffiku iġġamjat għal tul ta' ħin, speċjalment vetturi kbar,

u coaches. Huwa għalhekk qed joproponi li jsir studju professjonali għal traffic management plan f'din it-triq u fit-toroq kollha affetwati, fiż-żona tal-iskola.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li fil-leġislatura li għaddiet, diġa' kien hemm pjani preliminari minn esperti għal Triq N. Zammit, Triq Dun M. Zammit u t-toroq tal-madwar, għall-immaniġġjar tat-traffiku u aktar miżuri ta' sigurtà. Hija qalet li jekk it-Triq Dr. N. Zammit tiġi one-way, ser taffetwa toroq oħra fosthom Triq Dun M. Zammit u t-toroq ta' biswit. Hi qalet li l-iżvilupp li qed isir fiż-żona se jikkawża wkoll diversi sfidi ta' parkeġġ. Għalhekk, l-istudju għandu jieħu in kunsiderazzjoni wkoll il-bżonnijiet tal-ħwienet, il-kumpless sportiv tal-football u basketball, u l-fatt li l-iskola ġġib kuljum 100 impjegat fiż-żona, kif ukoll jieħu in kunsiderazzjoni l-*spill over* ta' karrozzi pparkjati meta ma jkunx fadal parkeġġ fil-pjazza u toroq viċin.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia ssuġġeriet ukoll li jiġu inklużi Triq il-Knisja l-Qadima, Triq San Ġwann, San Ġakbu u Triq il-Mitħna fil-pjan peress li f'dawn it-toroq ukoll teżisti problema kbira tal-immaniġġjar tat-traffiku.

Il-Kunsillier Psaila Zammit proponiet li minflok isir pjan fuq din iż-żona biss, isir studju fuq traffic management għaż-żona urbana kollha fis-Siġġiewi

Il-Kunsillier Julian Borg qabel ma' dan u sostna li hekk kif il-leġislatura hija waħda ta' ħames snin, għaqli li l-Kunsill Lokali jagħmel masterplan fuq is-Siġġiewi kollu li jiġi attwat f'fażijiet, biex ikun hemm riżultati aħjar.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit għalhekk, issuġġeriet li jiltaqgħu s-Sindku, l-Minority Leader u l-Kunsillier Julian Borg, flimkien mal-esperti neċessarji biex jitkompla l-pjan fuq l-istudji preliminari li diġa saru fil-Kunsill preċedenti. Is-Sindku qabel ma' dan u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

375.12 **Festa Għeneb 2019**

Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li l-programm ta' Festa Għeneb issa ġie ffinalizzat. Huwa qal li l-attivita' ser tkun mifruxa fuq il-Pjazza kollha. B'kollaborazzjoni mal-Arċipriet ser issir wirja tal-kalċijiet fil-Knisja Parrokjali u għana folkloristika f'Dar Ommna Marija. Il-palk ser ikun armat ħdejn l-istatwa ta' san Nikola. Il-kappelli fil-Pjazza ser jinfetħu għal pubbliku u imdawla, u fil-Kappella tal-Qtugħ ir-ras ta' san Ġwann ser ikun hemm persuni b'diżabilta' juru t-talenti tagħhom fl-arti. Mad-dawra tal-Pjazza l-għaqdiet ser jipparteċipaw bil-bejgħ ta' ikel tradizzjonali. Il-Kunsilliera Rodianne Haber ser tikkoordina logħob tradizzjonali tat-tfal fin-naħa ta' fuq tal-pjazza. Ser ikun hemm ukoll pony rides għat-tfal u kompetizzjoni tal-inbid, koordinata minn VitiMalta. Din l-attivita' ser issir bħala ġbir ta' fondi għad-Dar tal-Providenza. Il-Kunsill unanimament approva l-programm. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera jixxerjaw l-attivita' fuq il-media soċjali.

375.13 **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is- Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

375.13.1 PA/10937/18

Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li kienet ġiet approvata applikazzjoni għal estensjoni ta' barriera (PA/10937/18) f'Tad-Debbiet, li l-Kunsill Lokali kien għamel oġġezzjoni għaliha. Hi talbet li jittieħed parir tal-avukat u l-perit tal-Kunsill Lokali biex ikun hemm gwida dwar jekk hemmx lok li jsir appell.

375.14 **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

375.14.1 **Talba għal permess għal Attivita' ta' tiġrija taż-żwiemel**

Is-Sindku rrefera għal email mingħand P.Cushieri għal attivita' ta' tiġrija taż-żwiemel fit-Triq ta' San Niklaw. Is-Sindku qal li l-Kunsill preċedenti kien diġa' ħa l-pożizzjoni tiegħu permezz ta' policy f'Seduta 131 Hu propona li l-Kunsill jibqa' jżomm l-istess pożizzjoni u li ssir oġġezzjoni għal din l-attivita'. Il-Kunsill unanimament qabel.

375.14.2 **European Mobility Week 2019**

Is-Sindku irrefera għall-applikazzjoni għal kompetizzjoni tal-European Mobility week 2019. Huwa qal li flimkien mal-Kunsilliera Francine farrugia ġie imfassal programm ta' attivitajiet ta' ġimgħa, mis-16 sat-22 ta' Settembru 2019. L-applikazzjoni ġiet sottomessa. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-attivitajiet jikkonsistu f'car free day fit-22 ta' Settembru, History walking tour, treasure hunt, hiking, walking & cycling event, sezzjonijiet ta' informazzjoni fuq il-benefiċċju tal-eżerċizzju fiżiku u mixja b'attivita' ta' tindif. Hemm inkluża wkoll kampanja ta' reklamar online għal dawn l-attivitajiet biex tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni.

375.14.3 **Grant for Permanent Sustainable Mobility Measures**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier il-Perit Julian Borg kienet qed titfassal applikazzjoni għal kompetizzjoni fi premju ta' €50,000 jew €30,000. Il-proġett maħsub huwa diversi stations ta' electric bikes f'żoni fis-Siġġiewi, u introduzzjoni ta' cycle lanes biex turisti u anka lokali jkunu jistgħu iżuru l-bajja ta' Għar Lapsi, Tal-Għolja, l-Girgenti, fost oħrajn. Huwa l-ħsieb li l-proġett isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi biex il-proġett ikun wieħed vast u jinkorpora Wied iż-Żurrieq, u t-tempji tal-Imnajdra u Ħaġar Qim. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

375.14.4 **Ċirkulari SPI/SCI/14/2019 – Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Community Inclusive Employment Scheme**

Is-Sindku qal li wara li tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv, jipproponi li l-Kunsill Lokali japplika għal din l-iskema biex nagħtu opportunita' lil persuna b'diżabilta' tagħmel xogħol klerikali fuq bażi part-time mal-uffiċċju amministrattiv. Il-Kunsill iħallas biss il-kontribuzzjoni tiegħu tas-Siġurta' Soċjali. Spejjeż oħra ta' paga gross u bonuses jiġu rifużi mid-Diviżjoni Gvern Lokali. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir l-applikazzjoni għal din l-iskema.

375.14.5 **Premju Anzjan Attiv**

Il-Viċi Sindku rreferiet għall-korrispondenza għal Premju Anzjan Attiv. Hija ssuġġeriet xi ismijiet ta' anzjani mis-Siġġiewi biex jiġu nominati f'diversi kategoriji u talbet lill-Kunsilliera biex min għandu xi ismijiet iressaqhom. L-applikazzjoni tagħlaq fil-11 ta' Settembru 2019.

375.15 **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

375.16 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

375.16.1 Invoice ta' JB Concrete Works Ltd. Għal supply ta' konkos għat-toroq tal-bdiewa.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li fis-Seduta preċedenti, kienet ablet lis-Sindku jġib il-file tal-iskema waqt il-laqgħa jew wara biex jekk għandu xi mistoqsijiet tista' tweġibhom, hekk kif l-iskema kienet waħda li minnha bbenifikaw diversi bdiewa, li t-talba tagħhom kienet ilha pendenti. Is-Sindku qal li ra l-file mas-Segretarju Eżekuttiv u għalhekk ressaq il-pagament għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

375.16.2 Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti, inkluż il-pagament ta' JB Concrete Works Ltd. Il-Kunsillier Adrian Farrugia issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

Il-Kunsillier Dominic Grech ħareġ fit-8.00pm

375.17 **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

375.17.1 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hemm barriera mingħajr ilqugħ fi Triq Angelo Dorini, ta' periklu għal min jgħaddi minn hemm. Is-Sindku qallha biex tgħaddi ritratti u s-sit eżatt lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiġi infurmati minnufih il-Pulizija.

375.17.2 Il-Kunsilliera Francine Farrugia issuġġeriet li l-avviżi li jitwaħħlu minħabba l-ħmieġ tal-klieb għandhom ikunu kemm bil-Malti kif ukoll bl-ingliż.

375.17.3 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li għal 'Ġurnata Nazzjonali tal-Klieb' ser tagħmel kuntatt mal-Animal Welfare għal attivita' mat-tfal fl-Iskola primarja nhar il-25t'Awwissu 2019.

375.17.4 Il-Viċi Sindku qalet li kienet ser tniedi proġett 'Adopt a Nanna/u'. Il-proġett jikkonsisti fi żjarat lil anzjani li jinsabu weħidhom, kemm fid-djar privati, f'homes u anka sptarijiet. Dan il-proġett sa jkun jinvolvi kemm il-Kunsill Lokali tat-Tfal u anka taż-Żgħażagħ.

375.17.5 Il-Viċi Sindku qalet li grupp ta' sewwieqa tal-muturi kellmuha biex tiġi organizzata 'Gentlemen bike-ride in aid of Mental Health & Prostate Cancer'. Is-Sindku qallha biex jiktbu uffiċjalment bid-dettalji tal-attivita' ħalli jkunu jistgħu jinħarġu l-permessi neċessarji.

375.17.6 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li huma meħtieġa double yellow lines fil-kantunieri tal-bypass u Triq ta' Karlozzu u Wied Xkora għaliex pparkjar fil-kantunieri qed iwassal biex wieħed irid joħroġ 'il barra ħafna ġo triq prinċipali biex jkun jista' jara hux ġejjin karrozzi. Is-Sindku qal li se jitħejja pjan għal double yellow lines u sinjali ta' parkeġġ fiż-żona. Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-yellow lines għandhom isiru mingħajr dewmien minħabba periklu li residenti qed jiffaċċjaw kuljum biex joħorġu mit-triq tagħhom għal bypass. Is-Sindku qal li din se tkun triq diskussa mat-tim li se jkun qed jigwida l-infrastruttura u mmaniġġjar tat-traffiku fis-Siġġiewi.

375.17.7 Il-Kunsillier Adrian Farrugia propona li jsiru ashtrays quddiem il-każini u bars fi Pjazza San Nikola. Huwa propona li dawn imbagħad jitnaddfu mill-operaturi tal-bars. Is-Sindku talab li jinġiebu stimi għal ashtrays.

375.17.8 Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li ġibdulu l-attenzjoni li fi Pjazza San Nikola hemm żewġ parking bays sofor quddiem bibien ta' garaxxijiet, li dawn ma jintużawx bħala garaxx, saħansitra wieħed minnhom għandu għatba. Huwa talab li jiġu infurmati TM dwar dan biex filkas jinżebgħu bojod.

375.17.9 Il-Kunsillier Farrugia ġibed l-attenzjoni li fi Ġnien il-Ħajja hemm diversi rampi, li uħud minnhom jistgħu jitneħħew u minflokhom jiġu parkeġġi.

375.17.10 Il-Kunsillier Farrugia indika biċċa art żdingata tul triq Dun manwel Zammit, biex il-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet biex tiġi devoluta lill-Kunsill, imnaddfa u żviluppata f'landscaping area.

375.18 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament

I Il-laqgħa intemmet fit-8.45pm. Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru 2019 fis-6.30p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 2 ta' Settembru 2019

Dr Kurstein N. Sant
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv